

## II

(Attī mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1396

tal-14 ta' Awwissu 2015

**li jikkoreġi r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tas-sustanza attiva *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) tar-razza QST 713, li hija identika għar-razza AQ 713**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/6/KE (²) inkludiet il-Bacillus subtilis (Cohn 1872) tar-Razza QST 713, li hija identika għar-razza AQ 713 (minn hawn il-quddiem, *Bacillus subtilis*), bħala sustanza attiva fl-Annex I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (³) għall-użi bħala fungiċida.
- (2) Is-sustanzi attivi inklużi fl-Annex I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu li huma approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkti fil-Parti A tal-Annex tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (⁴).
- (3) Fit-22 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni ġiet innotifikata min-Netherlands li l-operatur li kien talab biex il-Bacillus subtilis tiġi inkluża fl-Annex I tad-Direttiva 91/414/KEE, talab li l-kundizzjonijiet tal-użu ta' dik is-sustanza jkoper wkoll l-użu bħala batteriċida kontra l-Erwinia amylovora (fire blight), li thallha barra bi żball mil-lista tal-Annex I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (4) In-Netherlands sabet li din it-talba kienet iġġustifikata.
- (5) Barra minn hekk, l-użu bħala batteriċida diġà kien ġie evalwat fil-proċess tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Bacillus subtilis* u huwa wkoll kopert mir-rapport tar-reviżjoni.

(¹) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

(²) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/6/KE tal-14 ta' Frar 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tħinkludi l-metrafenone, *Bacillus subtilis*, spinosad u t-thiamethoxam bħala sustanzi attivi (ĠU L 43, 15.2.2007, p. 13).

(³) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerha t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

(6) Ir-Regolament a' Implantazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu għalhekk jiġi kkoreġut skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fir-ringiela 138 tal-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 540/2011, il-Parti A tal-kolonna "Dispożizzjonijiet spċifici" tinbidel b'dan li ġej:

"PARTI A

L-użi bħala fungiċida u batteriċida biss jistgħu jiġi awtorizzati."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER